Serq kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) – Kap. 9, Artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(2) 280(2) – Arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex xi hadd jigi mgiegħel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta ħwejjgu – Kap. 9 Artikoli 86, 87(1)(c)(e) – Reati kontra l-Att dwar l-Armi – Kap. 480 Artikoli 51(7); 55(a) – Recidiva fil-kaz ta' serq – Kap. 9 Artikoli 49, 50, 289

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-1 ta' April 2020
Seduta Urgenti

**Il-Pulizija**
(Spettur Lydon Zammit
Spettur Eman Hayman)

***vs***

**Pier (Pier Paul) Buttigieg**

**Il-Qorti,**

1. Rat li Pier (Pier Paul) Buttigieg, iben David u Pauline nee' Dingli imwieled fit-13 t'April 1974 ġewwa tal-Pieta, detentur tal-karta ta' l-Identita' 195874M u indirizz mhux magħuf, tressaq taht arrest quddiemha (bhala Qorti Istruttorja) illum wara li aktar kmieni kienet ordnat l-ftuh urgenti tal-Qorti abbazi tal-Avvizi Legali 61 u 65 tal-2020, kif emendati, u gie akkuzat bis-segwenti akkuzi:

    1. *"Talli nhar l-14 ta' Marzu 2020, għall-ħabta ta' bejn is-15:40hrs minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Izibet li jinsab fi Triq Dom Mintoff, Bormla ikkommetta serq ta' 1700 Ewro, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija ħanut u/jew ta' xi persuna/i oħra skond Artikoli*

*261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(2) 280(2); tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta";*

2. *"U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Samuel Ben Daoud kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex ikun mgiegħel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta ħwejjgu skond Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta";*

3. *"U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu licenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta";*

4. *"U aktar talli fl-istess dati ħinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruħu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistgħux jinbidlu."*

2. Rat li l-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Rat id-dokumenti esebiti.

4. Rat li wara li nqraw b'mod car u sew lill-imputat l-akkuzi migjuba kontra tieghu, wara li sar l-ezami tieghu ai termini tal-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li l-Qorti saqsiet lill-akkużat jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq dawn l-akkużi, huwa ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

5. Rat illi wara li ai termini tal-Art. 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti wissiet b'mod l-aktar solenni lill-imputat fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u wara li tatu zmien biex jerga' lura minnha, dan xorta kkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Rat illi r-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat huma suggetti ghal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena prigunerija u ghaldaqstant ai termini tal-Art. 392A(2) tal-Kap. 9, l-ammissjoni tal-istess imputat giet registrata fl-atti u l-Qorti

bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali giet *ex lege* vestita bil-kompetenza biex taghti lill-imputat dik is-sentenza idoneja skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**

7. Illi ma' hemmx raguni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhuwiex hati tar-reati addebitati lilu. L-akkuzi ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

8. Illi dwar il-piena, kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll l-avukat tad-difiza waslu ghal patteggjament informali quddiem il-Qorti fejn giet mitluba sentenza ta' prigunerija effettiva ta' tlett (3) snin. Minkejja li l-Qorti m'hijiex marbuta ma' dan il-patteggjament minhabba l-informalita' tieghu (cioe' mhuwiex regolat taht l-Art. 392A(5) tal-Kap. 9) u tista' filfatt teroga piena differenti minn dak informalment miftiehem quddiemha, madanakollu hija prassi komuni quddiem din il-Qorti, illi mhux ta' min jinjoraha, illi sabiex jithaffew il-proceduri, id-difiza u l-prosekuzzjoni jistghu' jiddikjaraw quddiem il-Qorti li huma qed jaqblu fuq piena partikulari, liema piena imbaghad tkun ghad-diskrezzjoni tal-Qorti jekk ghandiex tinghata jew le.

9. Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni il-piena erogabbli ghar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skond l-Artikolu 275 (serq b'sekwestru ta' persuna) u hekk kif aggravat fil-kaz in dizamina bil-"mezz" (il-kwalifika tal-valur ma' taghmel l-ebda differenza ghall-piena ai termini tal-Art. 277(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) hija dik msemmija ghall-istess Artikolu 275 (piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa erba' snin) **mizjuda tassattivament bi grad jew tnejn**. Ghalhekk il-piena ghall-din l-ewwel imputazzjoni hija wahda li tvarja bejn il-**minimu ta' tmintax-il xahar** (jekk iz-zieda tkun ta' grad wiehed) ghal **massimu ta' sitt snin** (f'kaz ta' zieda ta' zewg gradi).

10. Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni (sekwestru ta' persuna kontra l-liġi kif aggravata), din titqies bhala mezz għall-fini u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, il-piena erogata ghal dan ir-reat tigi assorbita fil-piena applikabbli tal-ewwel imputazzjoni.

11. Illi fir-rigward imbaghad tar-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni il-piena erogabbli hija dik ta' multa ta' **€116.47**.

12. Illi fir-rigward tar-raba' u l-ahhar imputazzjoni, ai termini tal-Art. 289 tal-Kap. 9, fil-kaz ta' recidiva tad-delitt ta' serq fejn ikun hemm tlett kundanni jew izjed, il-piena **tista'** tizdied **minn grad sa' tlett gradi**. Dan ifisser allura illi jekk il-Qorti jidhrilha li ghandha tapplika z-zieda fi gradi skond din id-disposizzjoni tal-ligi, fil-kaz tal-piena ipotizzata fl-ewwel imputazzjoni, il-piena li taqa' taht il-

kompetenza ta' din il-Qorti tista' titla sa' tnax-il sena, flimkien mal-piena li ma' teccedix disa' xhur fil-kaz tat-tielet imputazzjoni.

13. Illi l-Qorti ma' tistax tinjora l-fedina penali rifrettarja tal-imputat li minkejja li inghata bizibilju ta' opportunitajiet sabiex jirriforma hajjtu fil-passat, bl-aktar darba ricenti tkun biss ftit ta' xhur ilu, dan xorta wahda baqa' fit-triq tad-delinkwenza. Il-Qorti ma' tiehux gost tibghat nies il-habs u dan taghmlu biss meta l-akkuzat ikun rabat idejn il-Qorti b'tali mod li ma' jkunx hemm ghazla ohra. F'dan il-kaz il-Qorti tkun qeghda tonqos lis-socjeta' jekk ma' timponiex piena karcerarja jew jekk tali piena karcerarja tkun vicin wisq il-minimu kontemplat fil-ligi. Filfatt l-unika fattur li jimmilita favur sentenza li tqarreb lejn il-minimu huwa dak li l-akkuzat ammetta fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri biex b'hekk franka l-hin tal-partijiet kollha tal-process u kif ukoll franka l-hela ta' rizorsi li kienu altrimenti jinhlew.

14. Illi l-Qorti ghalhekk wara li qieset in konsiderazzjoni dan kollu ma' tarax li ghandha ghalfejn tiddipartixxi mill-piena suggerita ta' tlett (3) snin li hija wahda idonea fic-cirkustanzi.

**Decide**

15. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Artikoli 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(2), 280(2) u 289 tal-Kap. 9, u l-Artikoli 51(7) u 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta) issib lill-imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tiddikjarah li sar recidiv ai termini tal-Art. 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u**

    i. **Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni ta' zieda ta' grad wiehed, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' <u>tlett snin;</u>**
    ii. **Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, din titqies bhala mezz għall-fini u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, il-piena erogata ghal dan ir-reat qed tigi assorbita fil-piena applikabbli tal-ewwel imputazzjoni;**
    iii. **Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni tikkundannah ihallas multa ta' mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);**
    iv. **Fir-rigward tar-raba imputazzjoni, ghajr ghal dikjarazzjoni tar-recidiva taht l-Artikolu 49 tal-Kap. 9, il-Qorti m'hijiex sejra tapplika zieda fil-gradi taht l-Artikolu 50 jew Artikolu 289 tal-Kap. 9.**

16. Inoltre, stante li giet infurmata bil-problema tal-vizzju tad-drogi li ghandu l-imputat, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 qegħda tqegħdu taħt ordni ta' trattament skont id-digriet anness u għal perjodu ta' tlett snin millum u dan

sabiex il-hati jinghata l-ghajnuna necessarja sabiex jipprova johrog mill-problema tal-vizzju tad-droga.

17. Peress illi ma' gew mahtura ebda esperti l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-hati jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Yesenia Maria Pace**
**Deputat Registratur**